Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum, is-16 ta' Marzu 2023**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Lydon Zammit)**

**Versus**

**Antoine Ellul**
**(533094M)**

**Il–Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra Antoine Ellul ta' 25 sena mwieled Pieta` nhar it-3 ta' Dicembru 1994 bin Joseph Ellul u Anna nee' Vella u residenti, 33, Triq San Gorg, Santa Venera detentur tal-Karta ta' l-identita` 0533094(M).

Fejn huwa gie akkuzat:-

1) Talli nhar l-21 ta' Lulju 2019 ghal habta' ta' bejn l-22.00 Hrs u l-23.00Hrs ta' filghaxija gewwa Triq Tommaso Caruana Demajo, Hamrun ikkommetta serq ta' gizirana minn fuq il-persuna ta' Mary Meilak anzjana ta' tnejn u sittin sena, liema serq huwa aggravat bil-vjolenza, bil-valur li ma jeccedix l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u bil-hin. Artikoli 257D(1)(b), 261(a)(c)(f), 262(1)(a), 270, 276, 276A, 277, 279(a), 280(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2) Fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi kiser il-provedimenti ta' sentenza sospiza moghtija fil-konfront tieghu b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr. Claire Stafrace Zammit LL.D datata 24 ta' Awwissu 2017, liema sentenza saret definnitivia u ma' tistghax tinbidel u li giet imgedda nhar id-9 ta' Lulju 2018 milll-Magistrat Dr. Claire Stafrace Zammit.

3) Fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi kiser il-provedimenti ta' sentenza sospiza moghtija fil-konfront tieghu b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati

(Malta), Magistrat Dr. Donatella Frendo Dimech LL.D datata 20 ta' Gunju 2018, liema sentenza saret definnitivia u ma tistghax tinbidel.

4) Fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi kiser il-provedimenti tal-artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta moghtija fil-konfront tieghu b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr. Donatella Frendo Dimech LL.D datata 20 ta' Gunju 2018, liema sentenza saret definnitiva u ma' tistghax tinbidel.

5) Fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi kiser il-provedimenti ta' sentenza sospiza moghtija fil-konfront tieghu b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr. Francesco Depasquale LL.D datata 26 ta' Marzu 2019,

6) U aktar tali fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi irrenda ruhu ricediv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Ligijiet ta' Malta permezz ta' sentenza moghtija fil-konfront tieghu mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi huma defenittivi u ma jistghux jinbidlu.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lil akkuzat ghal-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali.

Rat illi fis-16 ta' Settembru 2021, l-imputat irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontrih.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat, debitament assistit mill-konsulent legali tieghu tenna li huwa ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) ta' l-istess Kapitolu, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba, u nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga lura minnha.

Illi l-imputat rega' tenna ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu, u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lil imputat hati ta' l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi.

**Ikkunsidrat**

Illi d-difiza talbet ghal *pre sentencing report* u l-Qorti laqghat it-talba fejn kellhom ukoll jigu konsultati t-tobba tal-imputat dwar is-sitwazzjoni medika tieghi. Fis-17 ta' Marzu 2022, Marilyn Formosa ipprezentat *pre sentencing report* immarkat bhala Dok MF1, li kien sar f'Novembru 2021 u saru xi updates wara. Fir-rapport johrog car illi ghalkemm ir-rejat li ammetta ghalih l-akkuzat kien jimmerita sentenza ta' prigunerija effettiva, kien qieghed jigi suggerit li jinghata ordni ta' probation sabiex l-imputat jigi segwit u mghejjun fil-komunita', filwaqt illi jzomm il-boghod mill-kriminalita. Il-hajja ta' Antoine Ellul nbidlet wara li kien involut f'incident tat-traffiku fejn kien ghamel xhur l-isptar Mater Dei u wara l-isptar Karen Grech.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat.

Illi l-partijiet qablu illi fil-kaz odjern ma' tkunx idonea piena karcerarja effettiva stante is-sahha fizika ta' l-imputat.

**<u>Decide</u>**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 7, 31, 49, 50, 257D(1)(b), 261(a)(c)(f), 262(1)(a), 270, 276, 276A, 277, 279(a), 280(2) u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lil imputat **Antoine Ellul hati** ta' l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontrih, u tordna li ai termini ta' **Artikolu 7 tal-Kapitolu 446** tal-Ligijiet ta' Malta, l-imputat jitqieghed taht **Ordni ta' Probation ghal perjodu ta' tlett (3) snin millum**, b'dan illi qegħda tordna li l-ħati jitqiegħed taħt is-sorveljanza t'Uffiċjal tal-Probation indikat lilu mid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole, liema ordnijiet huma soġġetti għall-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet mogħti llum stess u anness ma' din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha.

Ai termini ta' l-**Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446** tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti fissret lil hati **Antoine Ellul** bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti ta' l-Ordni ta' Probation u tal-kundizzjonijiet kollha elenkati fid-Digriet anness ma' din is-sentenza, u li f'kaz li jonqos milli jikkonforma ruhu ma' dik l-ordni

u dawk il-kondizzjonijiet, u/jew f'kaz li jaghmel reat iehor tul it-terminu ta' l-Ordni ta' Probation, jista' jinghata sentenza ghar-reati li taghhom nstab hati b'din is-sentenza.

Ai termini ta' l-**Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446** tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tordna li kopja ta' din is-sentenza u ta' l-Ordni ta' Probation moghtija b'Digriet ta' llum stess, ghandhom jigu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation sabiex jassenja Ufficjal tal-Probation illi jkun responsabbli ghas-sorveljanza tal-hati Antoine Ellul. L-Uffiċjal sorveljanti assenjat għandu jirrapporta bil-miktub lil Qorti kompetenti bil-progress tal-ħati kull **sitt (6) xhur.**

Il-Qorti spjegat l-import ta' din is-sentenza lil hati u x'jigri jekk huwa ma' joqghodx ghall-kundizzjonijiet tal-Ordni ta' Probation jew jekk jikkommetti reat iehor fi zmien **tlett (3) snin** millum.

Illi fil-kaz odjern ma' gewx mahtura esperti u ghalhekk m'hemmx spejjez x'jithallsu mill-imputat f'dan ir-rigward.

Tordna notifika ta' din is-sentenza u d-digrieti annessi lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation and Parole.

Ai termini tal-Artikolu 392A(2) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol, l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien m'aċċess għal kopja skenjata tas-sentenza.

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
Magistrat